**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 419/21 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 609/2009)

Rat ir-rikors ġuramentat li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-esponenti zzewget lill-intimat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) (Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A').

2. Illi ezistenti bejn il-partijiet kien hemm is-separazzjoni tal-beni, u dana skond ma jirrizulta minn att pubbliku fl-atti tan-nutar Patrick Critien li gie ffirmat nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009), hawn anness bhala Dok A1;

3. Illi l-partijiet effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarju fl-atti tan-Nutar Dottor Melvin Polidano datat it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) (vera kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument 'B').

4. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, E D B, fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), u li ghadu minorenni, u li llum ghalhekk ghandu disa snin.

5. Illi l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni kienu reciprokament u rrevokabbilment irrinzunjaw ghad-dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin, filwaqt li l-missier qieghed jivversa favur l-omm manteniment ghal minuri, skond l-kuntratt ta' separazzjoni u ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

6. Illi ghaddew ferm aktar minn sena (1) mis-sentejn (2) precendenti ghall-intavolar ta' dan ir-rikors, illi fihom l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin, ai termini tal-artikolu 66B(a) tal-Kodici Civili, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

7. Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat C D bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2. Sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku

skont il-ligi u dankollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2021;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jwiegeb fuq domanda tal-Qorti li m'ghandux oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Ottubru, 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.